MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2183/2003

**Avviz Numru 2183/03AJD**

**Edwin Fenech**

**vs**

**Marvin Falzon**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u tlieta w sebghin lira Maltin u (Lm373) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-12 t' Awwissu, 2003 li sehh fi Triq tas-Salib, Mellieha, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAF528 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni EBD873 misjuqa mill-konvenut liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut deher fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003 fejn ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm373.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv..

L-ispejjez ta' din l-istanza,  ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------